Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,653, 28 ta' Ġunju, 2021
Taqsima B

A.L. 274 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu tal-Kwarantina (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

L.S. 465. 13.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emenda Nru 3) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Perjodu tal-Kwarantina, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2021.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Kull persuna li tasal minn kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li ġejjin ma għandhiex tkun meħtieġa li tissottometti ruħha għal perjodu ta' kwarantina mal-wasla tagħha f'Malta:

(a) l-Awstrija;
(b) Ċipru;
(ċ) ir-Repubblika Ċeka;
(d) id-Danimarka;
(e) l-Estonja;
(f) il-Finlandja;
(g) l-Ungerija;
(h) l-Iżlanda;
(i) l-Irlanda;
(j) il-Ġermanja;
(k) il-Latvja;
(l) il-Litwanja;
(m) il-Lussemburgu;
(n) in-Norveġja;
(o) l-Italja;
(p) Franza;
(q) is-Slovakkja;

(r) l-Iżvizzera;
(s) il-Greċja;
(t) il-Kroazja;
(u) Spanja;
(v) il-Polonja;
(w) il-Belġju;
(x) il-Bulgarija;
(y) l-Olanda;
(z) il-Kanada;
(aa) l-Awstralja;
(ab) New Zealand;
(aċ) il-Korea t'Isfel;
(ad) Andorra;
(ae) Monako;
(af) San Marino;
(ag) iċ-Ċina;
(ah) il-Belt tal-Vatikan;
(ai) Iżrael;
(aj) Singapor;
(ak) is-Slovenja;
(al) il-Ġappun;
(am) l-Istati Uniti tal-Amerika iżda limitata biss għall-istati li ġejjin: Washington, Oregon, Louisiana, West Virginia, North Dakota, Georgia, Texas, Pennsylvania, North Carolina, Tennessee, Iowa, Nebraska, Ohio, South Carolina, New Mexico, Florida, Virginia, Maine, South Dakota, Michigan, Illinois, Delaware, Wisconsin, Puerto Rico, Hawaii, New Jersey, Minnesota, Connecticut, Alaska, New Hampshire, Maryland, New York, Rhode Island, Distrett ta' Columbia, Massachusetts, Vermont, California; Idaho, Kentucky
(an) Ġibiltà;
(ao) il-Portugall;
(ap) ir-Rumanija;
(aq) il-Libanu;
(ar) l-Emirati Għarab Magħquda;
(as) it-Turkija;
(at) il-Ġordan;
(au) il-Liechtenstein;
(av) l-Iżvezja:

Iżda persuni li jivvjaġġaw lejn u minn Malta, minn dawk il-pajjiżi l-oħra elenkati b'avviż fil-Gazzetta mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, li jkollhom ċertifikat tat-tilqim li jinħareġ f'dik il-forma uffiċjali, u fir-rigward ta' vaċċin, rikonoxxut u approvat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għandhom ikunu wkoll eżentati mill-ħtieġa li jissottomettu ruħhom għal kwalunkwe perjodu ta' kwarantina.".